REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 868/2009

tal-21 ta' Settembru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 748/2008 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-importazzjoni għal falda rqiqa friżata ta' annimali bovini fi ħdan il-kodiċi tan-NM 0206 29 91 u r-Regolament (KE) Nru 810/2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u friżata, u għal-laħam tal-buflu friżat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2008 [2], jeħtieġ li jinħarġu ċertifikati ta' awtenticità għal-laħam taċ-ċanga u l-vitella mill-Arġentina qabel ma jkunu importati fil-Komunità. Il-lista tal-awtoritajiet fl-Arġentina li għandhom is-setgħa li joħorġu dawn iċ-ċertifikati hija stipulata fl-Anness III għal dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 810/2008 [3] jistipula li jeħtieġ li jinħarġu ċertifikati ta' awtenticità għal-laħam taċ-ċanga u l-vitella qabel ma jkunu importati fil-Komunità. Il-lista tal-awtoritajiet fil-pajjiżi li jesportaw li għandhom is-setgħa li joħorġu dawn iċ-ċertifikati hija stipulata fl-Anness II għal dak ir-Regolament.

(3) L-Arġentina bidlet l-isem tal-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikati tal-awtenticità skont ir-Regolamenti (KE) Nru 748/2008 u (KE) Nru 810/2008.

(4) Ir-Regolamenti (KE) Nru 748/2008 u (KE) Nru 810/2008 għandhom jiġu emendati skont dan.

(5) Sabiex jiġi evitat li l-isem tal-awtorità msemmija fiċ-ċertifikati tal-awtenticità maħruġa reċentement ma jikkorrispondix mal-isem tal-awtorità elenkata fir-Regolamenti (KE) Nru 748/2008 u (KE) Nru 810/2008 dan ir-Regolament għandu japplika mit-22 ta' Lulju 2009, id-data li fiha l-Arġentina nnotifikat l-isem il-ġdid lill-Kummissjoni.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 748/2008 qed jinbidel bit-test fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 810/2008 huwa emendat skont l-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-22 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.
[2] ĠU L 202, 31.7.2008, p. 28.
[3] ĠU L 219, 14.8.2008, p. 3.

ANNESS I

L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 748/2008 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*ANNESS III*

Lista tal-awtoritajiet fl-Arġentina li għandhom is-setgħa li joħorġu ċertifikati tal-awtenticità

Oficina Nacional de Control Comercial Agropecuario (ONCCA):

għal falda rqiqa li toriġina fl-Arġentina kif speċifikat fl-Artikolu 1(3)(a)."

ANNESS II

Fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 810/2008, l-ewwel inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"— Oficina Nacional de Control Comercial Agropecuario (ONCCA):

għal-laħam li joriġina fl-Arġentina u li huwa skont id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(a)."
